MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 664/2004

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Richard Piscopo**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, disa' mija u tlieta u disghin Liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm2,993.98) bilanc ghad-debitu fil-'motor Loan Account' ta' Richard Piscopo mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok A) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-11 ta' Novembru, 2004 sal-jum tal-pagament effettiv, liema 'Motor Loan Account' gie moghti lill-konvenut permezz ta 'skrittura privata datata 7 ta' Jannar 2002 (Dok B).

Dan wara li gie dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata u cioe Dok B partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Richard Piscopo (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 27 ta' Lulju, 2004 (Dok C) u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie prezentat mal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-suibzzoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz minn fol 2 sa fol 8 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-2 ta' Frar 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2993.98,0 bl-imghax legali mill-11 ta' Novembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Lulju 2004 u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tal-25 ta'Novembru 2004, imsemmi fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------